MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 628/2005

Kawza fil-lista: 6

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**Anthony u Mariella mizzewgin Cini**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Premess illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 28 ta' Ottubru 1999 (Dok "A"), in atti Nutar Joseph Debono, is-socjeta' attrici kkoncediet facilita' bankarja lil konvenuti Anthony u Mariella mizzewgin Cini;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Anthony u Mariella mizzewgin Cini fis-somma ta' erbgha u tletin elf, tlett mija u tlieta u tletin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm34,333.64) bilanc ghad-debitu fil-"Loan

Accounts" ta' Anthony u Mariella mizzewgin Cini mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1" sa Dok. "B3", Dok. "C1" sa Dok. "C3", Dok. "D1" sa Dok. "D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-18 ta' Gunju 2005 sad-data ta' l-effettiv pagament ;

U premess illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt datat 28 ta' Ottubru 1999 fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dokument "A") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Anthony u Mariella mizzewgin Cini (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Anthony u Mariella mizzewgin Cini li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 8 ta' Frar, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "E", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti,

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Anthony u Mariella mizzewgin Cini (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti Anthony u Mariella mizzewgin Cini li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Anthony u Mariella mizzewgin Cini jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha u tletin elf, tlett mija u tlieta u tletin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm34,333.64) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Anthony u Mariella mizzewgin Cini mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1” sa “B3”, Dok. “C1” sa “C3”, Dok. “D1” sa “D4”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-18 ta’ Gunju 2005 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 ta’ Frar, 2005 u tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------